MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2023

Appell Inferjuri Numru 45/2022 LM

**Natal Fava (K.I. 29959G)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Sharon Xuereb (K.I. 531392M)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Natal Fava (K.I. 29959G)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], minn lodo arbitrali mogħti fis-7 ta' Marzu, 2022, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'] mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ċaħad it-talbiet tar-

rikorrent fil-konfront tal-intimata **Sharon Xuereb (K.I. nru. 531392(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], bl-ispejjeż kontra tagħha kif ġej:

> *"Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, dan it-tribunal qiegħed jiddeċiedi dan l-arbitraġġ billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż skont it-Taxxa tal-Ispejjeż maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument Ittra A, kontrih.*
>
> *Għall-finijiet ta' kjarezza, jiġi rilevat illi l-ispejjeż imsemmija fid-deċiżjoni tat-3 ta' Mejju, 2019 jibqgħu kif deċiżi f'dik id-deċiżjoni."*

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-4 ta' Novembru, 2016, il-partijiet iffirmaw ftehim li permezz tiegħu r-rikorrent kellu jibni garaxx u residenza għall-intimata, skont il-pjanti ppreparati mill-Perit George Chetcuti, li kien il-Perit imqabbad mill-intimata. Dan il-ftehim kien jistipula illi r-rikorrent kellu jesegwixxi u jlesti x-xogħlijiet, filwaqt li s-sid kellha tħallsu għas-servizzi tiegħu, skont ir-rata stabbilita wara li jittieħed il-kejl tax-xogħol u ssir il-valutazzjoni skont ir-rati fl-iskeda annessa mal-ftehim. Il-mod li bih ħadmu l-partijiet kien li hekk kif kienet titlesta biċċa xogħol mir-rikorrent, kien isir il-kejl u jinħareġ il-kont abbażi tax-xogħol imkejjel. L-intimata kienet tħallas lir-rikorrent għall-kontijiet li kienu jinħarġu wara li jsir il-kejl, iżda wara li tlesta x-xogħol kollu, ir-rikorrent talab li jitkejjel ix-xogħol li ma kienx tkejjel diġà sabiex kwalsiasi pagamenti pendenti dovuti mill-intimata jitħallsu. L-intimata baqgħet qatt ma kkuntattjat lir-rikorrent sabiex isir dan il-kejl, u għalhekk ir-rikorrent qabbad lis-*surveyor* tiegħu u talbu jaħdem il-kont minn fuq pjanta li kienet skalata. Wara li s-*surveyor* lesta l-kont, ir-rikorrent bagħtu lill-intimata.

L-ammont pretiż mir-rikorrent skont l-imsemmi kont kien fis-somma ta' sitt elef, mija u tlieta u tmenin Euro (€6,183), liema ammont tħalla pendenti u mhux imħallas mill-intimata.

3. Fir-risposta tagħha l-intimata wieġbet li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2147(a) u 2148(a) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta. Eċċepiet ukoll in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju minħabba li l-ammont reklamat mir-rikorrent jolqot il-komunità tal-akkwisti viġenti bejnha u r-raġel tagħha, u għalhekk l-intimata talbet li fil-proċeduri miftuħa mir-rikorrent jiġi msejjaħ ukoll ir-raġel tagħha, Elton Xuereb. B'riferiment għall-mertu, ir-rikorrenti qalet li x-xogħol li sar mhux biss kien tardiv iżda wkoll mhux skont is-sengħa u l-arti, u għal dan il-għan esebiet rapport peritali li jikkonferma li kien hemm xi difetti fix-xogħlijiet. L-intimata ressqet ukoll kontro-talba fejn spjegat li hi u r-raġel tagħha kienu inkarigaw lir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex jagħmel xogħol ta' appalt, konsistenti fil-kostruzzjoni ta' dar u garaxx. Qalet li l-kontrabejt kostruwit ma sarx skont is-sengħa u l-arti, kif ukoll li r-rikorrent kien tardiv fl-adempjenza tiegħu skont l-istess kuntratt, u għalhekk hemm lok għall-ħlas ta' penali. Permezz tal-kontro-talba tagħha, l-intimata talbet li jiġi ddikjarat li r-rikorrent rikonvenzjonat kien tardiv fl-eżekuzzjoni tal-appalt, kif ukoll li x-xogħol, inkluż dak tal-kontrabejt, ma sarx skont is-sengħa u l-arti, bil-konsegwenza li hija sofriet danni. In vista ta' dan, ir-rikorrenti talbet għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut mir-rikorrent rikonvenzjonat bħala danni u penali, kif ukoll għall-kundanna tar-rikorrent rikonvenzjonat għall-ħlas tal-ammont hekk likwidat. L-intimata rikonvenzjonanti spjegat li l-ammont pretiż minnha ma jaqbiżx is-somma ta' €23,000.

4. Ir-rikorrent ippreżenta r-risposta tiegħu għall-kontro-talba tal-intimata, fejn qal li r-risposta u l-kontro-talba intavolati mill-intimata rikonvenzjonanti huma nulli u bla validità stante li kienu ppreżentati tardivament. Ir-rikorrent qal ukoll li fil-mertu, ix-xogħol sar skont is-sengħa u l-arti, u fil-perijodu li qablu dwaru l-partijiet waqt li kien għaddej ix-xogħol.

**<u>Mertu</u>**

5. It-Tribunal ta deċiżjoni parzjali dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mir-rikorrent rikonvenzjonat fit-13 ta' Mejju, 2019. Permezz ta' din id-deċiżjoni, it-Tribunal laqa' l-eċċezzjonijiet preliminari marbuta mat-tardività tar-risposta u tal-kontro-talba mressqa mill-intimata rikonvenzjonanta, u għalhekk iddikjara li kemm ir-risposta kif ukoll il-kontro-talba tagħha huma nulli u bla validità stante li ġew ippreżentati tardivament.

6. Fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent **Natal Fava** qal li huwa kellu ftehim mal-intimata sabiex jibnilha d-dar tagħha, u dan il-ftehim sar bil-kitba fil-preżenza tal-Perit George Chetcuti. Ir-rikorrent qal li l-kont finali li huwa bagħat lill-intimata kien fl-ammont ta' €6,138, u dan il-kont għadu pendenti, filwaqt li kontijiet oħra maħruġa minnu kienu tħallsu. Qal li d-dar li kellu jibni kienet tikkonsisti f'garaxx isfel, żewġ sulari fuqu u *washroom,* u hekk kif kien ilesti biċċa xogħol, kien isir il-kejl mis-*surveyor* u kien jinħareġ il-kont għal dak li jkun sar. Qal li fl-aħħar jum tax-xogħol huwa kien informa lill-intimata li kien għad irid jitkejjel xi xogħol li kien sar, iżda din qatt ma kkuntattjatu sabiex imur jieħu l-kejl, u għalhekk huwa talab lis-*surveyor* jaħdem il-kont minn fuq il-pjanta. Qal li

meta huwa kkomunika mal-intimata, din talbitu jitfa' l-kont taħt il-bieb tal-bini li kien għadu kif lesta, u sussegwentement din waqqfet kull komunikazzjoni miegħu minkejja li pprova jikkuntattjaha għall-ħlas. Qal li l-intimata żammitlu l-ħlas dovut minħabba xi problemi bil-kontrabejt li għandhom valur ta' €800. Ir-rikorrent qal li l-kwistjoni dwar il-kontrabejt inqalgħet għaliex min għamillu xogħol ta' twittija tal-konkos bil-*powerfloat,* ma kienx preżenti fuq il-lant tax-xogħol u kien hemm inċident għaliex waqt li kien qed jittella' l-konkos, inkisret il-bajla tal-*crane,* u għalhekk sakemm waslet bajla oħra, kien laħaq għaqad il-konkos li ngħata. Ir-rikorrent qal li huwa kien offra li jkisser il-kontrabejt jew jirranġah bl-għorik bil-magna li togħrok il-madum, iżda huwa qatt ma ngħata tweġiba mill-intimata għal din l-offerta tiegħu. Kompla jgħid li finalment l-intimata aċċettat li tittella' l-magna li togħrok il-madum u jitranġa x-xogħol li kien sar. Qal li huwa kera magna u ħallas lil sidha minn butu sabiex seta' jagħmel din il-biċċa xogħol, u żied jgħid li bix-xogħol li sar, il-kontrabejt ġie lixx, iżda baqa' jidher xi żrar. Qal li l-kontrabejt inqasam, u saritlu *expansion joint,* u fil-mument li fih tlesta x-xogħol huwa kien talab lill-intimata biex tagħtih aċċess sabiex ikun jista' jinħareġ il-kont finali.

7. L-intimata **Sharon Xuereb** xehdet li hija u r-raġel tagħha Elton Xuereb kienu ffirmaw kuntratt dwar il-bini tad-dar tagħhom, u d-dar kellha tikkonsisti f'garaxx fil-livell terran, u tliet sulari fuqu. Qalet li l-intimat kellu jibda x-xogħol fid-9 ta' Jannar, 2017, u dan ix-xogħol kellu jitlesta sad-9 ta' April, 2017, imma l-intimat ma bediex ix-xogħol mill-ewwel u beda jagħti l-problemi, billi per eżempju jgħidilhom li tal-ħadid ma kienx mar fuq is-sit, u skużi bħal dawn. Qalet li l-ftehim mar-rikorrent kien li dan kellu jitħallas ma' kull sular li jlesti, iżda

f'Marzu 2017 talabhom depożitu biex ikun jista' jixtri l-materjal. Qalet li r-rikorrent kien jaħdem b'mod sporadiku, u kien jagħmel żmien li fih ilesti xi xogħol, u perijodu wara ma jmurx fuq is-sit. L-intimata qalet li f'Mejju tal-2017, ir-rikorrent kien ħareġ kont għall-pjan terran, u dan il-kont tħallas fl-intier tiegħu, fis-sens li d-depożitu mħallas ma tnaqqasx minnu. Żiedet tgħid li l-kont tat-tieni sular inħareġ f'Awwissu 2017, u dan ukoll tħallas fl-intier tiegħu. L-intimata qalet li l-kont relattiv għas-sular ta' fuq inħareġ f'Ottubru 2017, u f'dak l-istadju kien għad fadal biss li jsir il-kontrabejt, li ma kienx inkluż fil-kuntratt. Qalet li l-Perit inkarigat mix-xogħol kien tahom parir iqabbdu lil xi ħaddieħor għall-kontrabejt, imma r-rikorrent kien infurmahom li ladarba beda x-xogħol hu, kellu jlestih hu. Qalet li waqt li kien għaddej ix-xogħol tal-bini, saru wkoll xi alterazzjonijiet fit-taraġ minħabba li t-taraġ ma setax isir bil-mod kif iddisinjah il-Perit. Qalet li l-iżball ġie nnutat qabel sar it-taraġ, u għalhekk it-taraġ sar darba biss. Qalet li kien hemm tibdil ukoll f'żewġt itwieqi li kellhom jitressqu ftit minn fejn għamilhom ir-rikorrent oriġinarjament, u dawn l-alterazzjonijiet ġew miżjuda fil-kontijiet li hija ħallset. L-intimata qalet li x-xogħol fuq il-kontrabejt kellu jsir fi Frar tal-2018, u dak iż-żmien it-temp ma kienx tajjeb. Qalet li l-persuna li akkumpanjat lir-rikorrent bil-*crane,* kienet wissietu li t-temp ma kienx tajjeb, imma dan kien infurmah li ma kienx fi ħsiebu jżarma u għalhekk ipproċeda bix-xogħol. Qalet li hekk kif ir-rikorrent beda x-xogħol, beda jagħti l-problemi l-mutur, u l-materjal għaqad ħażin, iżda r-rikorrent baqa' jinsisti li jaħdem fid-dlam. Qalet li minkejja li r-rikorrent ġab aktar apparat, il-konkos laħaq għaqad, u għalhekk il-kontrabejt ġie kollu ħofor u ma kienx lixx. L-intimata

qalet li meta r-rikorrent insista li jitħallas dak li kien għadu dovut lilu, hija kienet irrifjutat li tħallsu minħabba l-problemi bil-kontrabejt.

8. **Mario Xuereb**, missier ir-raġel tal-intimata, xehed li huwa kien involut fix-xogħol tal-bini tal-proprjetà tal-intimata fil-Ħamrun, mill-istadju tat-twaqqigħ, sakemm l-intimat waqaf mix-xogħol. Qal li t-twaqqigħ tal-bini tlesta f'qasir żmien, u minkejja li r-rikorrent qal li ma setax jibda l-bini għaliex fuq is-sit kien għad hemm l-inġenji tat-twaqqigħ, dan ma kienx minnu. Ix-xhud qal li minkejja li l-ftehim mar-rikorrent kien li dan kellu jagħmel ix-xogħol huwa stess, dan kien jibgħat lil ħaddieħor biex jagħmel ix-xogħol, filwaqt li huwa kien imur jaħdem f'sit ieħor. Ix-xhud qal li waqt il-bini kien hemm xogħol li ma sarx sew, u taraġ li mill-kċina kellu jwassal għat-tromba tal-bejt ma ħariġx tajjeb, u bejn il-kċina u l-*washroom* inħoloq bħal xaft jew kamra tal-lift, li kellha ssir *boxroom.* Qal li l-bennej u l-Perit waħħlu f'xulxin għal dan l-iżball, imma l-intimat tħallas għal dan ix-xogħol ukoll. Qal li x-xogħol tal-bini dam għaddej madwar disa' xhur, u meta l-intimat wasal għall-bejt, il-Perit ta parir li l-kontrabejt ma jsirx minnu. Ix-xhud qal li l-intimat insista li ladarba x-xogħol bdieh hu, kellu jlestih hu. Qal li dakinhar li kellu jsir il-kontrabejt kienet ix-xita, u għalhekk it-temp ma kienx ideali għal dak ix-xogħol, imma li l-intimat insista li ladarba kien rama, kellu jlesti x-xogħol. Ix-xhud qal li x-xogħol ma sarx tajjeb għaliex xi konkos laħaq għaqad, u meta l-intimat ipprova jirrimedja s-sitwazzjoni permezz ta' magna tal-għorik tal-madum, dan għamel is-sitwazzjoni agħar milli kienet għaliex kixef iż-żrar. Ix-xhud qal li għalhekk l-intimata rrifjutat li tħallas tal-kontrabejt.

9. Il-**Perit George Chetcuti** fix-xhieda tiegħu qal li x-xogħol ta' skavar tas-sit tlesta ġimgħa tard aktar milli kien maħsub, u r-rikorrent ma talab l-ebda estensjoni taż-żmien meħtieġ minnu sabiex ilesti x-xogħol mibdi. Il-Perit Chetcuti kkonferma li minn jum għall-ieħor ix-xogħol beda miexi b'mod kajman, u b'kollox kien hemm dewmien ta' 192 jum, u għalhekk ir-rikorrent kellu jħallas danni fl-ammont ta' €17,700. Il-Perit Chetcuti kkonferma li x-xogħol tal-kontrabejt ma sarx sewwa, u għalhekk kienu qegħdin jinġemgħu għadajjar tal-ilma fuq il-bejt, u r-rikorrent ipprova jirrimedja d-difetti anki kontra l-pariri tal-Perit, għaliex bl-għorik il-konkos inqasam f'diversi bnadi, u xorta waħda baqgħu jiġu ffurmati l-għadajjar. Il-Perit Chetcuti ikkonferma li l-uniku mod kif din il-problema tiġi solvuta kien billi fuq l-ogħla bejt jingħata l-*liquid membrane,* filwaqt li l-Perit Chetcuti sostna li l-kontrabejt l-ieħor kellu jinqala' u jsir mill-ġdid bil-qlib. Il-Perit Chetcuti qal li l-ispiża biex issir din il-modifika tammonta għal €2,800.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

10. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Marzu, 2022, it-Tribunal iddeċieda li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidra:*
>
> *Esposti allura l-provi u l-fatti li jikkostitwixxu l-pern ta' din il-proċedura, imiss issa li dan it-tribunal jgħaddi biex iqis it-talbiet tar-rikorrenti u jekk dawn jistħoqqilhomx li jiġu akkolti.*

*Qabel xejn, it-tribunal jidhirlu li jkun opportun jindirizza s-sottomissjoni magħmula fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti li x-xhieda tal-intimata mogħtija fl-arbitraġġ bin-numru 5804/2019 ma tistax titqies għall-finijiet tal-arbitraġġ odjern.*

*Jingħad minnufih li dan it-tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni, li hija wkoll kontradetta mill-fatt li r-rikorrent stess, fis-sottomissjonijiet tiegħu dwar dan l-arbitraġġ, jagħmel riferenza għal dokumenti esebiti fl-arbitraġġ bin-numru 5804/2019. It-tribunal jirrileva li b'dikriet mogħti fit-2 ta' Marzu, 2020, ġiet ordnata l-konnessjoni taż-żewġ arbitraġġi. Skont l-artikolu 793(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-konnessjoni tal-kawżi ġġib bħala konsegwenza tagħha li ż-żewġ kawżi "*jiġu mismugħin flimkien.*" Fi kliem il-ġurisprudenza, il-kawżi jinstemgħu u jiġu trattati kontestwalment. (fn. 5 vol. III.457) Il-ġurista **Mattirolo** jispjega: "Egli è per se' evidente che due o più cause separatamente istituite, fra cui corre rapporto di identità, debbono unirsi in una sola ... Che se due cause siano fra di loro analoghe, allora sorge il dubbio. Da un lato, invero, sembra che la semplice analogia non debba sempre bastare a derogare ai principi generali, i quali assicurano ad ogni causa distinta la competenza e la procedura che le sono proprie. D'altro canto, l'economia dei giudizii, la maggiore possibile celerità nella spedizione delle cause, il bisogno di evitare la eventualità di due o più sentenze fra di loro contradittoriee sul medesimo punto di questione, consigliano manifestamente in vari casi la riuniune delle cause connesse in un solo giudizio". (fn. 6 Trattato di Diritto Giudiziaro Civile Italiano, Vol. I §882) Għalhekk, ordnata l-konnessjoni, il-konsegwenza proċesswali hija dejjem u f'kull każ is-smigħ uniku taż-żewġ kawżi.*

*Smigħ uniku jfisser proprju illi kull ma jitressaq ikun jgħodd għaż-żewġ kawżi. Li kieku, kif jgħid ir-rikorrent, prova titressaq f'kawża waħda ma tkunx tgħodd għall-oħra jfisser proprju illi ma jkunx hemm smigħ uniku, iżda l-kawżi jkunu qed jinstemgħu b'mod separat, u dan imur direttament kontra l-kelma tal-liġi f'materja ta' konnessjoni ta' kawżi. Tant il-liġi tippreskrivi smigħ wieħed u omoġenwu fejn tiġi akkordata l-konnessjoni ta' kawżi, li l-leġislatur ħass li jkun opportun, b'emenda fl-1886, li jipprovdi espressament li minkejja l-konnessjoni, kull kawża hekk konnessa għandha tiġi deċiża b'sentenza għaliha, altrimenti jkun hemm in-nullità (ara wkoll f'dan is-sens id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawża **Bonnici vs Farrugia e Farrugia vs Bonnici**, 12/4/1899 (fn. 7 Vol. XVII.I.33). Dan kien neċessarju għaliex – għajr għall-prolazzjoni ta' sentenzi separati li però jkunu konkordi ma' xulxin u mhux f'kunflitt – is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawżi konnessi jseħħ b'mod kontestwali u kwindi uniku. Għalhekk, il-prova f'dan l-arbitraġġ jgħoddu għall-arbitraġġ bin-numru 5804/2019, kif jgħoddu l-provi fl-arbitraġġ bin-numru 5804/2019 għall-arbitraġġ odjern.*

*Magħmula din l-osservazzjoni proċedurali, it-tribunal se jgħaddi biex jara jekk, mill-provi prodotti fiż-żewġ arbitraġġi, irriżultax il-kreditu pretiż mir-rikorrenti, kif ukoll jekk irriżultax il-fondament tal-jedd dedott mir-rikorrenti f'din l-azzjoni.*

*Jirriżulta mid-dokumenti eżebiti mill-intimata odjerna fl-arbitraġġ bin-numru 5804/2019 inħarġu dawn il-kontijiet:*

- *Kont datat 25 ta' Mejju, 2017, intitolat "1 (Reservoir and Ground floor level)" fl-ammont ta' €16,362.23, eżebit bħala Dok. SX3. Dan tħallas fit-13 ta' Ġunju, 2017;*
- *Kont datat 4 t'Awwissu, 2017, intitolat "2 (First Floor Level)" fl-ammont ta' €6,857.20, eżebit bħala Dok. SX5. Inħareġ bank draft għall-ammont ta' €6,857.15 fid-9 t'Awwissu, 2017, kif jirriżulta minn Dok. SX4;*
- *Kont datat 30 t'Ottubru, 2017, intitolat "4 (Roof Level)" fl-ammont ta' €5,870.20, eżebit bħala Dok. SX7;*
- *Kont ieħor datat 30 t'Ottubru, 2017, intitolat "3(Second Floor Level)" fl-ammont ta' €8,345.50, li huwa kompriż ma' Dok. SX7.*

*B'żieda mal-ħlasijiet fuq imsemmija, jirriżulta li l-intimata ħallset ukoll is-somma ta' €5,000 (ara Dok. SX1) u €6,971.36 (ara Dok. SX6).*

*Mill-premess jirriżultaw kontijiet fl-ammont kumplessiv ta' €37,435.03, u ħlasijiet ammontanti għal €35,190.74, u ċioe bilanċ favur ir-rikorrent ammontanti għal €2,244.29. Però r-rikorrenti, fix-xhieda tiegħu f'dawn l-atti waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2019, ikkonferma li l-intimata ħallset kull kont preċedenti li kien inħareġ mill-perit, u kien baqa' pendenti biss l-aħħar kont, u ċioe dak eżebit mat-talba bil-miktub tiegħu, li ma tkejjilx mill-perit iżda mis-surveyor tar-rikorrent, li kejjel minn pjanta. Għalhekk jidher li l-bilanċ riżultanti mill-kontijiet u bank drafts fuq imsemmija ġie saldat mod ieħor, billi ma jiffurmax parti mill-pretensjoni tar-rikorrenti, kif dedotta f'dan l-arbitraġġ.*

*Il-kuntratt t'appalt tal-4 ta' Novembru, 2016 jipprovdi fl-artikolu wieħed u għoxrin tiegħu kif għandu jsir il-kont finali. Huwa spjegat li dan il-kont irid isir mill-Perit, li għandu jibgħat għall-kuntrattur biex ikun preżenti waqt dan l-eżerċizzju. Iżda mill-provi ma jidhirx li dan l-eżerċizzju sar, u fil-fatt skont ir-rikorrenti dan il-kont finali nħadem mis-surveyor tiegħu billi kejjel minn fuq pjanta skalata, u mhux minn fuq il-post stess, billi l-intimata bdiet tirrifjuta li tagħti aċċess biex dan il-kejl isir.*

*It-tribunal qed jifhem li f'dan il-perijodu, kien inqalgħet il-kwestjoni tal-kontrabejt u kwindi t-tilwima li wasslet inevitabbilment għal dan il-litiġju, u huwa bil-wisq probabbli li din kienet ir-raġuni għaliex l-eżerċizzju tal-kont finali ma sarx. Dan kollu*

*qed ikollu jiġi deżunt minn dan it-tribunal għaliex il-provi huma skarni fir-rigward – lanqas il-Perit Chetcuti ma xehed dwar dan l-aspett tal-vertenza.*

*Huwa però ovvju li kien jinkombi fuq ir-rikorrenti l-oneru tal-prova tal-kreditu pretiż minnu.*

*Ikun utili f'dan l-istadju li ssir riferenza għal xi awtoritajiet għal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi u d-dmir ta' parti fil-kawża li tissodisfa l-oneru tal-prova li jkun mixħut fuqha:*

*(a) "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola* "in dubio pro reo." *Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad* "tot homines tot sententiae"*, u lanqas ma jkun ġej minn verżjonijiet differenti* "bona fide" *fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għal arrieda e.g. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perijodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess tal-ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibbiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabbiltà u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant." (fn. 8* **Brigitte Vella pro et noe vs. Richard Vella** *(Appell, 5/10/2001)).*

*(b) "In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn: a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI/i/5.b). Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, "jista' jkun*

*ġie stabbilit fatt li juri* prima facie *li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577; ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi* iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir abbażi tar-regola ġenerali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat; d) il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco –*** *App. 30 ta' Ġunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)" (fn. 9* ***Joseph Tonna vs Philip Azzopardi*** *(Appell Inferjuri, 12/4/2007).*

*ċ) "Huwa paċifiku f'materja ta' konflitt ta' verżjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima* "actore non probante reus absolvitor"*. Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant." (fn. 10* ***Maria Xuereb et vs. Clement Gauci et*** *(Appell Inferjuri, 24/3/2004).*

*d) "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma, dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-*

*konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli." (fn. 11* ***George Bugeja vs. Joseph Meilak*** *(Appell Inferjuri, 30/10/2003).*

*It-Tribunal ma jistax ħlief josserva li ma jinsabx sodisfatt bil-provi miġjuba mir-rikorrenti sabiex isostni l-pretensjonijiet tiegħu. Waqt iż-żewġ depożizzjonijiet li huwa wettaq f'dawn l-atti, imkien ma spjega l-kont li jikkostitwixxi l-bażi tat-talba tiegħu. Sempliċiment eżebixxa kopja ta' dan il-kont, li mhuwiex datat u lanqas iffirmat minn min ħejjih. Skont l-istess rikorrent, dan il-kont sar mis-surveyor tiegħu, li però qatt ma ġie identifikat b'ismu u wisq inqas ġie prodott biex jixhed sabiex jispjega kif ħadem l-istess kont u sabiex jippresta s-saħħa tal-ġurament tiegħu wara l-kalkoli suppost magħmula. Prova din li kellha ssir* a fortiori *meta jiġi kkunsidrat illi fi kliem ir-rikorrent stess, il-kejl ma sarx* in faciem loci *iżda minn fuq pjanta skalata.*

*Ir-rikorrenti seta' wkoll ipproduċa bħala xhud tiegħu lill-Perit Chetcuti, iżda naqas milli jagħmel dan, għar-raġunijiet li jaf hu.*

*B'żieda mas-suespost, ikun nuqqas min-naħa ta' dan it-tribunal li kieku ma ssirx ukoll riferenza għal dik il-ġurisprudenza li tittratta dwar x'iseħħ mid-dritt tal-ħlas tal-appaltatur meta x-xogħol konsenjat minnu ma jkunx skont is-sengħa u l-arti. F'dan ir-rispett, il-qrati dejjem tennew ġurisprudenza li hija rikka u uniformi. Din tista' tiġi riepilogata kif ġej:*

*"a) l-appaltatur irid jiggarantixxi l-bontà tax-xogħol tiegħu, kif ukoll tal-materjal minnu adoperat [Kollez. Vol. XXXIX, P.I, p. 422] u din il-garanzija hija impliċita [vide Kollez. Vol. XL, P.I, p. 485].* In subjecta materia*, ġie ritenut li, "*l-appaltatur għandu l-obbligu li jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti." (***Pierre Darmanin vs. Moira Agius et****, Appell Superjuri, 6/10/2004);*

*b) jekk ix-xogħol imwettaq mill-appaltatur ma jsirx skont is-sengħa u l-arti, il-kuntratt ma jiġix maħlul, salv fejn id-difetti in kwistjoni jkunu sostanzjali. Fil-fatt ġie ritenut illi, "Huwa magħruf illi fil-każ ta' inadempiment tal-kuntratt ta' appalt, inkluż f'dan it-terminu n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tajba tax-xogħlijiet, ma huwiex eskluż l-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali fil-każ ta' inadempjenza kontrattwali. Dawn, infatti, jibqgħu applikabbli meta ma jirrikorrux il-presupposti tad-dispożizzjonijiet speċjali, senjatament ir-riżoluzzjoni u l-ħall tal-kuntratt, ex-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili. Hekk allura r-responsabbilità tal-appaltatur tibqa'*

*tissussisti fejn dan per eżempju jonqos li jikkompleta l-opera affidata lilu jew f'każ ta' dewmien fl-eżekuzzjoni jew ikun naqas fl-obbligazzjoni tiegħu li jesegwixxi u jikkonsenja l-opera appaltata skont ir-regoli tal-arti u s-sengħa, u x-xogħlijiet jirriżultaw karenti u difettużi. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-kommittent għandu d-dritt, ex-Artikolu 1069(1) tal-Kapitolu 16, li jagħżel li jġiegħel lill-appaltatur jeżegwixxi in forma speċifika l-appalt u jagħmel ix-xogħlijiet rimedjali, kif ukoll li jinsisti għad-danni" (**Ignazia Degabriele vs. George Calleja et**, Appell Superjuri 30/6/2004). "A contrariu sensu meta d-difetti, kif hekk jirriżulta f'dan il-każ, huma ta' natura sostanzjali li l-appaltatur mhux biss għandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja għad-difetti fl-esekuzzjoni tax-xogħol" (**Victor Tabone vs. Felix Mifsud**, Prim'Awla, 5/10/1994). Għaldaqstant meta l-appaltatur ikun inadempjenti, l-appaltant għandu l-jedd li jitlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt, jew inkella l-esekuzzjoni tajba tal-prestazzjoni assunta mill-appaltatur, u f'kull każ, id-danni;*

*ċ) "Dipendenti fuq l-għażla magħmula l-kommittent, imbagħad, għandu x-xelta li jinsisti għar-rettifika tal-vizzji u difetti riskontrati fl-opra, jew tar-riduzzjoni fil-prezz raġġunt bil-konfront bejn il-valur tal-opra kontrattata u l-valur tal-opra eżegwita. Dan f'każ li d-difetti ma jkunux daqstant sostanzjali li jipprivaw l-opra mill-iskop jew l-utilità tagħha għall-kommittent. Jista' wkoll jitlob ir-rifaċiment tal-opra f'każ li l-vizzji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati ħlief bid-distruzzjoni tal-opra" (**Christopher Meli et vs. Emanuel Galea**, Appell Superjuri, 23/6/2004);*

*d) id-difetti fl-opra appaltata jitqiesu sostanzjali jew essenzjali fejn dawn jipprivaw il-ħaġa mill-iskop jew l-utilità tagħha b'mod li ma tibqax tikkorrispondi għad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u indikata min-natura stess tax-xogħol [*vide in subjecta materia ***Angelo Busuttil vs. Pio Fedele et**, Prim'Awla, 9/4/1968, u **John Bonnici nomine vs. Anthony Sammut**, Appelli Kummerċjali, 22/6/1994).*

*e) kull talba għall-ħlas tal-prezz tal-appalt għandha titqies intempestiva jekk l-opera tkun afflitta minn difetti u l-appaltatur ma jkunx esegwixxa x-xogħlijiet rimedjali meħtieġa. "... jekk ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu esegwit skont is-sengħa, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-ħlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xogħol, għax meta x-xogħol li għalih ġie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest (jew reż skont l-arti u s-sengħa), l-appaltatur ma jistax jitlob il-ħlas, la kollu u lanqas parti minnu"* (***Antonio Pisani vs. Carmelo Debattista**, Prim'Awla 8/5/1958).* In subjecta materia

*wkoll il-konvenuta tagħmel referenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża* **Meli et vs. Galea***, hawn fuq ċitata, fejn intqal, "... il-kommittent li jkun talab l-eżekuzzjoni tal-appalt u l-eliminazzjoni tad-difetti jista' jirrifjuta li jħallas in bażi għall-prinċipju* "inademplendi non est adimplendum." *Hu infatti paċifikament akkolt illi l-appaltatur ma għandux dritt jeżiġi l-ħlas tax-xogħol li jkun indaħal għalih u l-azzjoni tiegħu għal dan il-ħlas titqies intempestiva sakemm ma jkunx irranġa d-difetti jew ikkompleta x-xogħol." Ara wkoll fl-istess sens, id-deċiżjonijiet* **Carmelo sive Charles Mallia vs. Ivan John Fonk***, Appell Superjuri, 24/1/1975, u* **Francis Spiteri nomine vs. Emmanuele Cassar***, Appell Superjuri, 14/3/1975).*

*Tassew illi, mill-provi prodotti, jirriżulta li l-uniku xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti kien dak tal-kontrabejt. Però l-provi ma jurux b'mod ċar liema mill-ħlas pretiż mir-rikorrenti f'din il-kawża jirreferi għall-kontrabejt, u liema għal ħwejjeġ oħra. Anki f'dan l-aspett, il-fatt li r-rikorrenti ma ressaqx prova adekwata dwar il-kont preżentat minnu, kif fuq spjegat, iwassal lil dan it-tribunal għall-konvinċiment morali li ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrenti, għaliex mhux biss mhijiex suffiċjentement ippruvata, iżda wkoll għaliex irriżulta li huwa għamel xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti, u ma rriżultax mill-provi liema ħlas qed jintalab għal dak ix-xogħol u liema qed jintalab għal xogħol debitament eżegwit kif imiss.*

*Għaliex it-tribunal huwa ugwalment konvint, mill-provi prodotti fiż-żewġ arbitraġġi li ġew konnessi u li nstemgħu flimkien, li x-xogħol tal-kontrabejt tassew ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Għalkemm huwa minnu li l-intimata ma talbitx, fl-arbitraġġ bin-numru 5804/2019, il-ħatra ta' perit tekniku, xehed f'dettall il-Perit George Chetcuti. Il-fatt li l-Perit Chetcuti huwa* ex parte *ma jfissirx li dan it-tribunal m'għandux jieħu qies tax-xhieda tiegħu.*

*Ġie abbilment spjegat li, "La differenza intrinseca fra la funzione del perito giudiziale e l'opera di un perito stragiudiziale è a mio credere lumeggiata sufficientemente dalle nozioni che precedono. Il primo ha l'obbligo giuridico di far conoscere la verità al magistrato per quanto glielo permettono le proprie attitudini speciali; il secondo a il mandato da una delle parti interessate nel litigio di illustrare secondo i criteri dell'arte o della scienza che professa il tema controverso. E naturale che la parte da cui emana simile incarico non sia valga dell'opera del suo mandatario se non lo riconosca a se' giovevole. Ed è anche naturale che il magistrato sia rigorosamente circospetto nell'esaminare una perizia stragiudiziale. Da questo non deriva per altro che egli debba sempre, a priori, negarle ogni credito, ossia ricusarsi senz'altro ad esaminarla, il che vale lo stesso.*

*Spesso accade che dalle due parti si portino perizie stragiudiziali redatte in contrario intendimento; il più delle volte dalla inconciliabilità dei criteri, dei ragionamenti, delle conclusioni, viene fuori l'indicazione del bisogno di una perizia giudiziale. Ma può anche verificarsi che l'attento esame del giudice trovi una equazione fra le divergenze dei periti stragiudiziali, ovvero trovi un fondo di presupposti, o criteri, o dati di fatto, comuni alle due perizie, e da tali elementi ritragga quanto basta per integrare le proprie cognizioni. Può darsi che una perizia stragiudiziale non sia contestata dalla parte avversaria negli elementi di fatto o nei metodi di analisi, ovvero che lo sia con ragioni troppo deboli. In simili circostanze la perizia o le perizie in discorso posso eliminare il bisogno di nominare periti giudiziali. Infine non è raro che l'utilità, sia pure secondaria, di perizie stragiudiziali si manifesti nella forma di un sussidio che il loro contenuto arrechi alla perizia ordinata in giudizio. Queste varie contingenze, ed altre, sono governate dalla prudente discrezione del giudice del merito, senza che sia possibile tracciare regole precise in proposito". (fn. 12 Mortara, Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, Vol. III, §553). Fl-istess sens kittieb ieħor awtorevoli tal-istess epoka josserva li, "Non ha carattere probatorio di perizia quella, che é stata eseguita stragiudizialmente ad istanza di una sola parte, e senza il corredo della formalità e garanzie, che fra breve vedremo stabilite per le perizie giudiziali: V. Conform. Sentenze – Cassazione Torino, 3 luglio 1883 e 22 febbraio 1890 (Gurisprudenza, 1883, p 894-95; 1890, p. 257) – Corte app. Palermo, 10 dicembre 1884 (Circolo giuridico, 1885, 2, p. 39). – Non per ciò è a ritenersi che sia vietato all'una e all'altra parte di produrre in causa, nel proprio interesse, una perizia stragiudiziale, quasi che questa vada priva, di qualsiasi valore: imperocché, ciascuno dei litiganti può addurre a sostegno del proprio assunto tutti gli argomenti che stimi opportuni; onde della perizia stragiudiziale, presentata da una delle parti nel proprio interesse, il giudice del merito potrà e dovrà tenere conto – non per fondare esclussivamente o totalmente sopra la medesima la sua sentenza definitiva – ma per valersene come di uno dei vari elementi, emergenti dalla causa, dai quali egli attinge la propria convinzione." (fn. 13 Mattirolo, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, Vol. II, §1016)*

*Fi żminijiet aktar riċenti, kittieb ieħor ferm aktar modern osserva li, "Nella pratica accade spesso che le parti producono, di loro iniziativa, le c.d. perizie stragiudiziali, ossia dissertazioni tecniche sul quesito, posto dalla parte, ad opera di un tecnico che non é stato designato dal giudice ma che, per lo più, assevera spontaneamente la sua dichiarazione con giuramento. Tali documenti, non previsti, ma neppure*

*vietati, dalla legge, non sono prove ne' assolvono alla funzione integratrice del giudizio, almeno ufficialmente. Nulla, tuttavia, impedisce che il giudice ne tragga spunto per argumentazioni o per dedurne l'opportunità di una consulenza, o anche per trarne delle elementi indiziari." (fn. 14 C. Mandrioli e A. Carratta, Diritto Processuale Civile, 27 sima edizione, Vol. II. §37, fn. 8).*

*Issa l-qagħda legali taħt il-liġi tagħna hija differenti minn dik ottenibbli taħt is-sistema Taljana, għaliex fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili nsibu introdott l-artikolu 563A, li jgħid:*

"563A (1) Meta persuna tissejjaħ bħala xhud, l-opinjoni tagħha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha hi kwalifikata tagħti xhieda bħala espert, għandha tintlaqa' bħala xhieda biss jekk, fil-fehma tal-qorti, dik il-persuna jkollha l-kwalifiki meħtieġa dwar dik il-kwistjoni.

(2) Meta persuna tissejjaħ bħala xhud, dikjarazzjoni ta' opinjoni li ssir minnha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha mhijiex kwalifikata tagħti xhieda bħala espert, jekk din ix-xhieda tingħata b'mod li jingħadu fatti rilevanti li jkunu ġew konstatati personalment minnha, għandha tkun ammissibbli bħala prova ta' dak li dik il-persuna tkun hemm ikkonstatat.

(3) L-opinjoni mogħtija minn persuna skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 681 u għas-setgħa tal-qorti li taħtar perit skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 646.

*Illi fid-deċiżjoni* ***Middlesea Insurance plc vs. Mark Zaffarese*** *(fn. 15 Appell Inferjuri, 29/5/2009), ġie osservat hekk:*

*"L-ewwel osservazzjoni li trid tagħmel din il-Qorti hi din. Ibda biex, ma kien hemm xejn fil-liġi illi jżomm lill-Qorti milli tadotta rapport ta' perit* ex parte. *Anzi, il-kuntrarju hu l-każ, kif joħroġ ċar mid-dispost tal-Artikolu 563A tal-Kodiċi ritwali (Kapitolu 12). Dik l-opinjoni kienet ammissibbli u wkoll aċċettabbli bħala fonti oġġettiva ta' prova una volta l-Qorti ma jkunx dehrilha li għandha tiskartaha bħala li tmur kontra l-konvinzjonijiet tagħha (Artikolu 681, Kapitolu 12). Huwa veru illi dik l-opinjoni spiss drabi tkun bażata fuq konsiderazzjoni ta' diskrezzjonalità teknika iżda dan ma jfissirx illi m'għandhiex ukoll titqies rilevanti meta ċ-ċirkustanzi jissuġġerixxu illi l-istess tikkostitwixxi aċċertament ta' fatt rilevabbli in bażi għall-konoxxenza teknika determinanti. Dan aktar u*

> *aktar fejn, bħal f'dan il-każ, il-Qorti tkun tal-fehma illi d-deduzzjonijiet kontrarji tal-konvenut ma jkunux tali li jikkontrastaw ruħhom għal dik l-istess opinjoni."*

*Illi ta' interess hija d-deċiżjoni fil-każ* ***Valle del Miele Limited vs. Raphael Aloisio et*** *(fn. 16 Appell Superjuri, 30/10/2009), fejn ġie osservat:*

> *"... għandu jiġi osservat li, fit-termini tal-artikolu 563A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), opinjoni ta' xhud hi ammissibbli jekk tingħata minn persuna li jkollha l-kwalifiki meħtieġa dwar dik il-kwistjoni (art. 563A(1)). Fil-fatt, anke opinjoni li dwarha xhud mhux kwalifikat hi ammissibbli bħala prova jekk dik ix-xhieda "tingħata b'mod li jingħadu fatti rilevanti li jkunu ġew konstatati personalment" mix-xhud (Art. 563A(2))."*

*Illi għalhekk hija liġi espressa li l-prova permezz ta' perit nominat mill-qorti mhijiex neċessarjament indispensabbli, u mhemm xejn li jżomm qorti milli taċċetta x-xhieda ta' espert inkarigat minn wieħed mill-kontendenti jekk dik ix-xhieda ma tkunx tikkontrasta mal-konvinzjonijiet tal-qorti stess, b'mod partikolari fejn id-deduzzjonijiet kuntrarji tal-kontro-parti ma jkunux siewja biex ixellfu l-opinjoni ta' dak ix-xhud.*

*Proprju hekk hu l-każ odjern, fejn l-opinjonijiet li xehed dwarhom il-Perit George Chetcuti huma korroborati mhux biss minn ritratti u mix-xhieda tal-intimata u ta' Martin Xuereb, iżda wkoll, sa ċertu punt, mir-rikorrenti stess, li ammetta li kien hemm diffikultajiet fl-eżekuzzjoni tax-xogħol tal-kontrabejt."*

## L-Appell

11. Ir-rikorrent ippreżenta appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal permezz ta' rikors tal-appell tal-11 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mit-Tribunal, u tikkundanna lill-appellata Sharon Xuereb tħallsu l-ammont ta' sitt elef, mija u tlieta u tmenin Euro (€6,183), bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u sostna li dan għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi u apprezzament ħażin tal-provi. L-appellant qal li bid-deċiżjoni

tiegħu, it-Tribunal ikkonkluda li ma jinsabx sodisfatt bil-provi miġjuba mir-rikorrent sabiex isostni l-pretensjonijiet tiegħu, għaliex skont it-Tribunal ir-rikorrent naqas milli jispjega l-kont li jikkostitwixxi l-bażi tal-pretensjonijiet tiegħu, iżda ppreżenta biss kont li la hu datat u lanqas m'huwa ffirmat minn min ippreparah. Qal li t-Tribunal b'mod inkorrett qal li hu (ir-rikorrent) qatt ma identifika isem is-*surveyor* tiegħu, u li hu messu pproduċa bħala xhieda kemm lis-*surveyor* kif ukoll lill-Perit Chetcuti. Qal li t-Tribunal filwaqt li sostna li l-uniku xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti kien dak tal-kontrabejt, qal ukoll li l-provi ma jurux b'mod ċar liema mill-ammont pretiż mir-rikorrent jirreferi għall-kontrabejt u liema jirreferi għal ħwejjeġ oħra. Qal li bil-ġurament tiegħu huwa ddikjara li l-kont esebit mat-talba tiegħu huwa proprju l-kont li kien imħejji mis-*surveyor* tiegħu Joseph Xerri, u li huwa għadda l-istess kont lill-appellata sabiex din tkun tista' tħallsu, filwaqt li ddikjara li l-ammont dovut lilu mill-appellata huwa €6,183. L-appellant qal li la l-appellata u lanqas ix-xhieda l-oħra ma kkontestaw il-kont jew oġġezzjonaw għalih, u dawn fl-ebda waqt ma indikaw li x-xogħol ma kienx sar. Qal li l-appellata argumentat biss li x-xogħol tal-kontrabejt ma sarx skont is-sengħa u l-arti. L-appellant qal li kuntrarjament għal dak li rrimarka t-Tribunal, il-kont huwa dettaljat u jispjega b'mod ċar liema ħlas pretiż minnu jirreferi għall-kontrabejt u liema ħlas jirreferi għal xogħol ieħor. Qal li *item 1* jindika li l-ammont mitlub huwa għal xogħol tal-*concrete blockwork* tas-singlu u mhux għax-xogħol tal-kontrabejt, filwaqt li *item 2* jindika li l-ammont mitlub huwa għall-mili bil-konkos tal-*concrete blockwork* u mhux għax-xogħol tal-kontrabejt. Qal li *item* numru 5 u *item numru 6* jindikaw b'mod ċar li l-ammonti mitluba huma għal xogħol li sar fil-garaxx, u mhux għal xogħol tal-

kontrabejt, filwaqt li l-ammont indikat *f'item 7* huwa għall-*iscaffolding,* u mhux għax-xogħol tal-kontrabejt. Qal li anki l-ammont mitlub *f'item 8* huwa għall-kiri tal-*concrete pump* sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol fil-garaxx, u mhux għax-xogħol tal-kontrabejt, filwaqt li l-ammont mitlub *f'item 9* huwa għal xogħol ta' twessigħ u ftuħ ta' bibien u twieqi, u mhux għall-kontrabejt lanqas.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Il-Qorti kkonsidrat l-aggravju sollevat mill-appellant li t-Tribunal applika l-liġi b'mod żbaljat u għamel apprezzament żbaljat tal-provi, meta ddeċieda li l-ammont pretiż mir-rikorrent m'għandux jitħallas mill-appellata. Fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal spjega li huwa ma kienx sodisfatt bil-kwalità tal-provi prodotti, stante n-nuqqas ta' spjegazzjonijiet dwar il-kont ippreżentat mill-appellant, u l-fatt li l-kont la fih data u lanqas il-firma ta' minn ippreparah. L-appellant ikkonferma li dan il-kont inħareġ mis-*surveyor* tiegħu, identifikat bħala Joseph Xerri, u qal li dan il-kont ma ġie kkontestat bl-ebda mod mill-appellata.

13. Il-Qorti tqis li l-kuntratt ta' appalt iffirmat bejn il-partijiet fil-preżenza tal-Perit George Chetcuti, jispjega b'mod ċar kif għandu jittieħed il-kejl tax-xogħlijiet li jkunu saru, u jgħid ukoll li l-kejl għandu jsir fil-preżenza tal-kuntrattur li jkun eżegwixxa x-xogħol. Fil-fatt l-artikolu 21 intestat 'Kont Finali' jistipula illi:

> *"Mhux aktar tard mill-għeluq tal-Perijodu għall-Kejl u l-Valutazzjoni Finali imsemmi fl-Appendiċi Ċ, il-Perit għandu jkejjel ix-xogħlijiet u jiffissa l-valur tagħhom skont il-Kuntratt u joħroġ il-Kont Finali. ... Meta jirċievi l-avviż biex jagħmel hekk, il-Kuntrattur għandu jattendi u jassisti lill-Perit biex jieħu l-kejl u għandu jagħti t-tagħrif kollu li l-*

*Perit ikun jeħtieġ. Jekk il-Kuntrattur jonqos li jattendi, il-kejl meħud mill-Perit jew mir-rappreżentant tiegħu jitqies bħala l-kejl korrett tax-xogħlijiet."*

14. Dan ifisser illi l-metodu li kellu jiġi adoperat sabiex isir il-kejl tax-xogħlijiet in kwistjoni u jinħareġ il-kont relattiv, kien li jittieħed il-kejl tal-imsemmija xogħlijiet mill-Perit Chetcuti inkarigat mill-appellata fil-preżenza tal-appellant. L-appellant spjega li minflok, wara li l-appellata ma tatx aċċess għall-proprjetà tagħha, il-kont finali ħareġ abbażi ta' stima tax-xogħlijiet li saret minn *surveyor* inkarigat minnu, li ħadem l-istima tax-xogħol abbażi ta' pjanta skalata. Dan ifisser li l-interessi tal-appellata ma kinux salvagwardjati kif mixtieq, u kif mistenni speċjalment fi proċeduri li jitmexxew quddiem iċ-Ċentru ta' Malta dwar l-Arbitraġġ, meta l-appellant ħareġ dan il-kont, għaliex is-*surveyor* li ffissa l-ammont dovut, kien wieħed inkarigat mill-appellant innifsu. Il-Qorti fil-fatt tirrileva li t-Tribunal ikkonsidra dan kollu, qabel wasal għad-deċiżjoni li huwa ma kienx sodisfatt bil-provi mressqa mill-appellant. Minkejja dak li stqarr l-appellant li l-kont ippreżentat minnu huwa wieħed suffiċjentement dettaljat, il-Qorti tirrileva li s-*surveyor* li ħejja dan il-kont ma tressaqx bħala xhud quddiem it-Tribunal biex jikkonfermah bil-ġurament, u l-kont la huwa datat u lanqas m'huwa ffirmat, kif ikkonsidra sew it-Tribunal.

15. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant saħaq li fil-kont ippreżentat minnu hemm *items* li ma jirreferux għax-xogħol li sar fuq il-kontrabejt, u għalhekk l-appellata hija obbligata li tħallas tagħhom, u dan għaliex skont l-appellant x-xogħol li nstab mit-Tribunal li mhux skont is-sengħa u l-arti, kien limitat biss għax-xogħol li huwa għamel fuq il-kontrabejt. Imma l-Qorti tqis li l-kont kif ippreżentat ma jikkostitwixxix prova ta' dak li l-appellant jippretendi li huwa

dovut lilu, kemm għaliex hemm l-ammissjoni da parti tal-appellant li l-kont inħareġ b'mod li ma jirrispekkjax dak li jgħid il-ftehim li jirregola ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, kif ukoll għaliex il-kont kif inhu, huwa nieqes minn dettalji essenzjali, fosthom id-data u l-firma ta' min ħarġu. Il-fatt li s-*surveyor* li ħejja l-kont ma tressaqx bħala xhud quddiem it-Tribunal biex jikkonfermah bil-ġurament tiegħu, ma jagħtix wisq kredibbilità lill-pretensjonijiet tal-appellant, partikolarment meta l-appellata ma kellhiex l-opportunità li tagħmel il-kontro-eżami opportun dwar il-kont maħruġ mis-*surveyor*. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet ukoll għall-fatt li l-Arbitru fi proċeduri ta' arbitraġġ jagħti d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-prinċipji tal-ekwità, u għalhekk il-fatt li l-appellant ma ressaqx lis-*surveyor* li ħareġ il-kont bħala xhud tiegħu, kien fattur li ngħata d-debita importanza, kif fil-fatt qiegħed jingħata wkoll minn din il-Qorti.

16. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ l-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, u għalhekk din ma ressqet l-ebda eċċezzjoni simili għal dik li tressqet mill-appellant fil-proċeduri konnessi ma' dawk odjerni (appell numru 46/2022). Hawn il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Paul M. Cassar et *vs* Victoria Tabone et**[1], fejn ingħad illi:

> "... In-nullità tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-proċedura hu null għandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jeħtiġilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarità tkun ġiet miġjuba għall-konoxxenza tagħha."

[1] 17.03.2003.

17. Il-Qorti hawnhekk tirreferi għal dak li jipprovdi l-artikolu 70A(1) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula li appelli minn deċiżjonijiet arbitrali huma ammissibbli biss safejn l-appell isir fuq punt ta' liġi. Fir-rikors tal-appell odjern, minkejja li jilmenta li t-Tribunal applika l-liġi b'mod żbaljat, l-appellant appella biss fuq punti emerġenti mill-fatti, u fl-ebda waqt ma spjega għal liema raġuni l-appell tiegħu għandu jiġi meqjus li huwa msejjes fuq punt ta' liġi. Fil-fatt l-appellant donnu qiegħed jitlob lil din il-Qorti terġa' ddur lura għall-prova tal-kont maħruġ minnu, u tara jekk hemmx xi *items* imniżżla fil-kont li għandhom jiġu mħallsa mill-appellata. Dan mhux dak li jrid il-leġislatur meta jgħid li appelli minn deċiżjonijiet arbitrali huma ammissibbli biss fuq punt ta' liġi, u għalhekk il-Qorti tqis li dan l-appell huwa irritu u null.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiddikjarah null stante li mhux ibbażat fuq punt ta' liġi.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**